MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 474/2010

**Master Distributors Limited (C 2837)**

**Vs**

**Nathalie Frendo u Paolo Soldi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' €4585.07 (erbat elef, hames mija u hamsa u tmenin ewro u sebgha centezmi) ammont lilha dovut ghall-merkanzija lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjata oltre €183.34 (mija u tlieta u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu) rapprezentanti import ta' cekk li ma giex onorat.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra ufficjali skond artikolu 166A tal-Kap 12, bin-numru 1448/10 u tal-mandat ta' qbid numru 3813/10 prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mis-19 ta' Frar 2009 data ta' l-ahhar invoice sal-

effettiv pagament, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota a fol 13 tal-atti u li biha s-socjeta’ attrici irriduciet is-sorte ghal €745.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Ottubru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €745.00 bl-imghax legali mid-19 ta’ Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1448/10 u tal-mandat kawtelatorju ta’ qbid numru 3813/10 tas-6 ta’ Novembru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------